



4.2.2014

B7-0147/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu
(2014/2532(RSP))

Véronique De Keyser, Libor Rouček, Pino Arlacchi, Saïd El Khadraoui, Ana Gomes, Richard Howitt, Liisa Jaakonsaari, Maria Eleni Koppa, María Muñiz De Urquiza, Raimon Obiols, Pier Antonio Panzeri, Joanna Senyszyn, Boris Zala
f'isem il-Grupp S&D

<<<

B7-0147/2014

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu
(2014/2532(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu, partikolarment dik tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu¹,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar 'Il-Politika Ewropea tal-Viċinat: ħidma favur sħubija aktar b'saħħitha. Il-pożizzjoni tal-PE dwar ir-rapporti ta' progress 2012²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-23 ta' Mejju 2013 dwar l-irkupru tal-assi mill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni³,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President / Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tal-24 ta' Jannar 2014 dwar l-attakki vjolenti riċenti fl-Eġittu, tad-19 ta' Jannar 2014 dwar ir-referendum kostituzzjonali fl-Eġittu, tal-11 ta' Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu qabel ir-referendum kostituzzjonali, tal-24 ta' Diċembru 2013 dwar il-karozzi bomba f'Mansoura, fl-Eġittu, u tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar l-ġhoti tas-sentenzi lill-attivisti politiċi fl-Eġittu,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu tal-2001, li daħal fis-seħħ fl-2004, u li ssaħħaħ bil-Pjan Ta' Azzjoni tal-2007, u r-rapport ta' progress tal-20 ta' Marzu 2013 tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li tiegħu l-Eġittu huwa parti kontraenti,
- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Eġittu, approvata mill-Kumitat Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru 2013 u mir-referendum tal-14 u l-15 ta' Jannar 2014,
- wara li kkunsidra l-Liġi 107 tal-Eġittu tal-24 ta' Novembru 2013 dwar id-Dritt ta' Laqgħat Pubbliċi, Purċissjonijiet u Dimostrazzjonijiet Paċifiċi,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni kostituzzjonali maħruġa fl-Eġittu fit-8 ta' Lulju 2013, inkluż pjan direzzjonali politiku għal emendi kostituzzjonali u għal elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali, u l-programm tal-gvern interim ibbażat fuq din id-dikjarazzjoni kostituzzjonali,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0379.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0446.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)0224.

- A. billi, fl-14 u l-15 ta' Jannar 2014, it-38.6 % tal-Eġizzjani li ħarġu jipparteċipaw fir-referendum approvaw, b'maġġoranza kbira ta' 98.1 %, il-Kostituzzjoni l-ġdida tal-pajjiż;
- B. billi, fid-dikjarazzjoni tagħha tad-19 ta' Jannar 2014, il-Viċi President / Rappreżentant Għoli Catherine Ashton ferħet lill-poplu u lill-awtoritajiet Eġizzjani talli organizzaw il-votazzjoni b'manjiera ordnata u qalet li ma kienx jidher li l-irregolaritajiet allegati affettwaw b'mod fundamentali l-eżitu; billi, skont il-Minsiteru tal-Intern Eġizzjan, 10 min-nies sfaw maqtula, ħafna sfaw midruba u 444 ġew arrestati fi ġrajjet relatati mar-referendum; billi diversi atturi lokali u internazzjonali wrew it-tħassib tagħhom dwar irregolaritajiet proċedurali waqt il-votazzjoni, dwar ir-ripresjoni ta' dawk li kienu qed iwettqu kampanja kontra l-abbozz tal-kostituzzjoni, u d-dibattitu politiku ta' qanpiena waħda qabel ir-referendum;
- C. billi l-Kostituzzjoni l-ġdida tal-Eġittu għandha ħafna elementi pożittivi fl-oqsma tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minoranzi u d-drittijiet tan-nisa, b'mod partikulari, iżda tinkludi wkoll artikoli li jeżentaw lill-forzi armati mill-iskrutinju ċivili, u l-baġit tagħhom mill-iskrutinju parlamentari, u jippermettu lil imħallfin militari jisimġu kawżi ċivili, filwaqt li artikolu ieħor jirrestrinġi l-libertà tal-fidili tar-reliġjonijiet Abramiċi li jipprattikaw ritwali reliġjużi u li jwaqqfu postijiet ta' qima;
- D. billi t-tensjonijiet politiċi u l-polarizzazzjoni fil-fond tas-soċjetà għadhom qed jipprovokaw attakki terroristiċi u ġlied vjolenti fl-Eġittu; billi minn Lulju 2013 aktar minn elf ruħ tilfu ħajjithom u ħafna oħrajn sfaw midruba fil-ġlied bejn id-dimostranti u l-forzi tas-sigurtà u bejn dawk li jappoġġjaw u dawk li jopponu lill-ex-President Morsi; billi ġie rrapportat li l-forzi tas-sigurtà użaw forza eċċessiva kontra d-dimostranti u eluf ġew arrestati u miżmuma, filwaqt li għadha tipprevali l-prattika tal-impunità; billi fit-12 ta' Novembru 2013 ġie rrevokat l-istat ta' emerġenza fil-pajjiż;
- E. billi d-dikjarazzjoni kostituzzjonali tat-8 ta' Lulju 2013 iddefinixxiet pjan direzzjonali politiku għall-Eġittu; billi l-programm tal-gvern interim afferma l-impenn tiegħu li jaħdem sabiex tinbena sistema demokratika li tiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet tal-Eġizzjani kollha, u li jitlesta dan il-pjan direzzjonali bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-atturi politiċi kollha u referendum dwar kostituzzjoni ġdida, li jkun segwit minn elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali liberi u ġusti li jseħħu fiż-żmien dovut skont ir-regoli leġiżlattivi kollha;
- F. billi l-ksur tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem għadhom mifruxa fl-Eġittu; billi l-vjolenza, l-inċitament u l-kedd kontra l-avversarji politiċi, il-ġurnalisti u l-attivisti tas-soċjetà ċivili komplew jintensifikaw aktar fil-ġimġhat ta' qabel ir-referendum; billi ħafna attivisti politiċi u tas-soċjetà ċivili, fosthom Alaa Abdel Fattah u Mohamed Abdel miċ-Ċentru Eġizzjan għad-Drittijiet Ekonomiċi u Soċjali, il-mexxejja tal-moviment 6 ta' April Ahmed Maher u Ahmed Douma, kif ukoll membri ta' diversi partiti politiċi ġew arrestati u ssentenzjati matul l-aħħar ġimġhat; billi, fit-12 ta' Jannar 2014, il-Kunsill Nazzjonali Eġizzjan għad-Drittijiet tal-Bniedem ħareġ rapport wara li żar lill-attivisti msemmija qabel fil-ħabs ta' Tora, u kkritika il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tagħhom u appella sabiex it-trattament ħażin tagħhom jintemm;

- G. billi l-Aħwa Musulmani ripetutament irrifjutaw li jipparteċipaw fil-proċess politiku mħabbar mill-gvern interim u sejħu bojkott tar-referendum, filwaqt li għadd ta' mexxejja tagħhom għadhom jinċitaw il-vjolenza kontra l-awtoritajiet tal-istat u l-forzi tas-sigurtà; billi l-awtoritajiet interim Eġizzjani pprojbixxew lill-Aħwa Musulmani, xeħtu lill-mexxejja tagħhom il-ħabs, ħatfu l-beni tagħhom, għalqulhom il-mezzi tal-midja, u kkriminalizzaw is-sħubija magħhom, filwaqt li l-Partit tal-Libertà u l-Ġustizzja tal-moviment għadu jeżisti; billi l-ex-President Morsi ilu miżmum mit-3 ta' Lulju 2013 u se jingħadda ġurijiet relatati maż-żmien li għamel fil-kariga; billi, fl-20 ta' Diċembru 2013, tim legali internazzjonali inkarigat mill-Partit tal-Libertà u l-Ġustizzja ressaq ilment formali f'ismu quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- H. billi l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-ġustizzja soċjali u standard ogħla tal-ħajja għaċ-ċittadini, huma dimensjonijiet kruċjali tat-tranżizzjoni lejn soċjetà Eġizzjana miftuħa, ħielsa, demokratika u prospera; billi t-trejdjunjins indipendenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom irwol kruċjali f'dan il-proċess, u flimkien mal-midja ħielsa jiffurmaw parti kruċjali tas-soċjetà f'kull demokrazija; billi n-nisa Eġizzjani għadhom f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli fiż-żmien attwali ta' tranżizzjoni politika u soċjali fil-pajjiż;
- I. billi l-Liġi 107 tal-24 ta' Novembru 2013 dwar id-Dritt ta' Laqgħat Pubbliċi, Purċissjonijiet u Dimostrazzjonijiet Paċifiċi pprovokat kritika mifruxa u qawwija fl-Eġittu u barra mill-Eġittu; billi l-Viċi President / Rappreżentant Għoli Catherine Ashton, fl-istqarrija tagħha tat-23 ta' Diċembru 2013 qalet li din il-liġi kienet fil-wisa' meqjusa li tirrestrinġi b'mod eċċessiv il-libertà tal-espressjoni u l-assemblea; billi ħafna protesti paċifiċi ġew sfrattati u ħafna dimostranti ġew arrestati u miżmuma skont din il-liġi matul l-aħħar ġimgħat;
- J. billi l-Eġittu għadu qed jiffaċċja diffikultajiet ekonomiċi serji; billi l-prosperità ekonomika fil-pajjiż tirrikjedi stabbiltà politika, politiki ekonomiċi sodi, azzjoni biex tiġġieled il-korruzzjoni, u appoġġ internazzjonali;
- K. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà komplet tiħżien u fis-Sinaj komplew jintensifikaw l-atti ta' terroriżmu u l-attakki vjolenti kontra l-forzi tas-sigurtà; billi, skont id-data uffijjali, tal-anqas 95 ħaddiema tas-sigurtà tilfu ħajjithom f'attakki vjolenti mit-30 ta' Lulju 2013; billi f'dawn l-inħawi eluf ta' persuni, l-aktar refuġjati mill-Eritrea u s-Somalja, fosthom ħafna nisa u tfal, qed jtilfu ħajjithom, jisparixxu, jinħatfu u jinżammu ostaġġi għall-iskop ta' ħlas ta' fidwa, jiġu ttorturati, sfruttati sesswalment jew maqtula għall-kummerċ tal-organi minn traffikanti tal-persuni;
- L. billi, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Awwissu 2013, il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin inkariga lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli Catherine Ashton teżamina mill-ġdid, flimkien mal-Kummissjoni, il-kwistjoni tal-ġhajjnuna tal-UE lill-Eġittu skont il-Politika Ewropa tal-Viċinat (PEV) u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu; billi s-sħubija mas-soċjetajiet, approċċ ibbażat fuq l-inċentivi u l-prinċipju ta' 'aktar għal aktar' u, eventwalment, 'anqas għal anqas', huma l-pedamenti tal-PEV riveduta tal-Unjoni; billi l-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu ddikjara li 'r-rabtiet bejn il-Partijiet, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim innifsu, għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif stipulati

fid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jiggwidaw il-politika interna u internazzjonali tagħhom u jikkostitwixxu element essenzjali ta' dan il-Ftehim'; billi, fid-dikjarazzjoni tagħha tal-11 ta' Jannar 2014, il-Viċi President / Rappreżentant Għoli Catherine Ashton iddikjarat li 'd-dinjità, il-ġustizzja soċjali, is-sigurtà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u ekonomija aħjar għadhom l-għanijiet li l-UE tassisti lill-Eġittu biex jikseb';

1. Jesprimi għal darb'oħra s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Eġizzjan u jibqa' jappoġġja l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi tiegħu; jieħu nota tal-Kostituzzjoni l-ġdida tal-Eġittu, approvata mir-referendum li sar fl-14 u l-15 ta' Jannar 2014, li jista' jkun pass importanti fit-tranżizzjoni diffiċli tal-pajjiż lejn id-demokrazija; jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali - inklużi l-libertajiet tal-assemblea, assoċjazzjoni u l-espressjoni - u d-drittijiet tal-bniedem fil-kostituzzjoni l-ġdida kif ukoll sabiex il-leġiżlazzjoni eżistenti u futura kollha f'dawn l-oqsma tkun konformi mal-Kostituzzjoni l-ġdida;
2. Jesprimi, madankollu, it-tħassib tiegħu dwar ċerti artikoli fil-Kostituzzjoni l-ġdida, speċjalment fir-rigward ta' dawk relatati mal-istatus tal-forzi armati, inklużi li ġejjin: l-Artikolu 202, li jiddikjara li l-Ministru tad-Difiża, li huwa wkoll il-Kap Kmandant, għandu jinħatar minn fost l-uffiċjali tal-forzi armati; l-Artikolu 203 dwar il-baġit tal-forzi armati; l-Artikolu 204 li jippermetti li nies ċivili jiġu mismugħa f'guriġiet minn imħallfin militari f'każijiet ta' reati ta' attackki diretti fuq installazzjonijiet militari, żoni militari, tagħmir militari, dokumenti u sigrieti militari, fondi pubbliċi tal-forzi armati, fabbriki militari, u persunal militari, kif ukoll f'reati li jikkonċernaw is-servizz militari; u l-Artikolu 234 li jiddikjara li l-Ministru tad-Difiża għandu jinħatar fuq l-approvazzjoni tal-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati, dispożizzjoni li għandha tibqa' fis-seħħ għal żewġ mandati presidenzjali sħaħ, u bl-ebda indikazzjoni dwar kif jew minn min jista' l-ministru jitneħħa mill-kariga;
3. Jieħu nota tal-maġġoranza ferm kbira li appoġġjat il-Kostituzzjoni l-ġdida fost dawk li pparteċipaw fir-referendum, u r-rata relattivament baxxa ta' dawk li ħarġu jivvutaw u r-rapporti dwar irregolaritajiet allegati waqt il-votazzjoni; jiddispaċiħ ħafna għall-ġlied vjolenti qabel, waqt u wara r-referendum, li wassal għal imwiet u nies midruba, kif ukoll ir-ripressjoni kontra l-attivisti li għamlu kampanja kontra l-abbozz tal-kostituzzjoni, li wasslu sabiex qabel il-votazzjoni kien hemm biss dibattitu b'qanpiena waħda;
4. Jinsab ferm imħasseb dwar il-ġlied vjolenti li għadu għaddej fl-Eġittu, il-polarizzazzjoni tas-soċjetà Eġizzjana u l-firdiet interni kbar li hemm fiha, u n-nuqqas ta' ambjent li jippermetti li jkun hemm dibattitu pubbliku demokratiku u pluralista fil-pajjiż; jikkundanna bil-qawwa l-atti kollha ta' terroriżmu, vjolenza, inċitament għall-vjolenza u diskors ta' mibgħeda, u jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familji ta' dawk li tilfu haġjithom fil-ġlied vjolenti;
5. Jikkundanna kull att ta' użu sproporzjonat ta' forza mill-forzi armati kontra d-dimostranti u jħeġġeġ lill-gvern interim Eġizzjan jiżgura li jkun hemm investigazzjonijiet immedjati, indipendenti, serji u imparzjali f'kull każ tali u li dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom; ifakkar lill-gvern interim fir-responsabilità li

jiżgura s-sigurtà taċ-ċittadini kollha Eġizzjani, irrispettivament mill-fehmiet politiċi jew affiljazzjoni reliġjuża tagħhom, kif ukoll l-esiġenza imparzjali li daww responsabbli għall-vjolenza, l-inkitament tal-vjolenza, u ksur tad-drittijiet tal-bniedem jaġhtu kont ta' għemilhom;

6. Jenfasizza għal darb'oħra li r-rikonċiljazzjoni u l-proċess politiku inklużiv immexxi minn persuni ċivili, bis-sehem tal-atturi politiċi demokratiċi kollha, huma elementi kruċjali tat-tranżizzjoni demokratika fl-Eġittu, u li pass ieħor kruċjali f'dan il-proċess huwa li jsiru elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali ħielsa u regolari skont il-kalendarju ddefinit mill-Kostituzzjoni l-ġdida, li jwasslu għal rappreżentanza adegwata tal-fehmiet politiċi differenti, tan-nisa u tal-komunitajiet minoritarji; ihegġegħ lill-atturi kollha politiċi u soċjali, inklużi daww li jappoġġjaw lill-ex-President Morsi, jevitaw kull att ta' vjolenza, inkitament tal-vjolenza, jew provokazzjoni, u sabiex jikkontribwixxu għall-isforzi ta' rikonċiljazzjoni; itenni s-sejħa tiegħu li jinħelsu l-priġunieri politiċi kollha, inkluż l-ex-President Morsi; jibqa' jemmen li kwalunkwe projbizzjoni, esklużjoni jew prosekuzzjoni diretta kontra forzi jew atturi politiċi demkoratiċi fl-Eġittu tkun ripetizzjoni tal-iżbalji tal-imgħoddi u twassal biss biex jiżdied ir-radikaliżmu;
7. Jappella għat-tmiem immedjat tal-atti kollha ta' vjolenza, kedd jew intimidazzjoni - mill-awtoritajiet tal-istat, mill-forzi tas-sigurtà jew minn gruppi oħrajn - kontra l-avversarji politiċi, dimostranti paċifiċi, rappreżentanti tat-trejdjunjins, ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tan-nisa, u atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili fl-Eġittu; jappella biex ikun hemm investigazzjonijiet serji u imparzjali f'dawn il-każijiet u sabiex daww repsonsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja; jistieden għal darb'oħra lill-gvern interim jiggarrantixxi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u internazzjonali, it-trejdjunjins indipendenti u l-ġurnalisti jkunu jistgħu jaħdmu fil-pajjiż fil-libertà u mingħajr indħil mill-gvern;
8. Jesprimi t-ħassib tiegħu dwar il-Liġi 107 tal-24 ta' Novembru 2013 dwar id-Dritt ta' Laqgħat Pubbliċi, Purċissjonijiet u Dimostrazzjonijiet Paċifiċi, li timponi limitazzjonijiet arbitrarji fuq id-dritt tal-assemblea paċifika u tippermetti r-ripressjoni, u l-implimentazzjoni tagħha, inklużi arresti riċenti skont din il-liġi; jappella għar-reviżjoni ta' din il-liġi skont l-istandards internazzjonali u l-obbligi internazzjonali tal-Eġittu, permezz tad-djalogu mas-soċjetà ċivili, u sabiex daww kollha arrestati, detenuti u ssentenzjati biss talli eżerċitaw id-drittijiet leġittimi tagħhom tal-libertà tal-assemblea, ta' protesta, jew tal-libertà tal-assoċjazzjoni jew tal-espressjoni, jinħelsu;
9. Jikkundanna l-attakki terroristiċi riċenti kontra l-forzi tas-sigurtà fl-Eġittu; jinsab ferm imħasseb dwar id-deterjorazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fis-Sinaj u jistieden lill-gvern interim Eġizzjan u lill-forzi tas-sigurtà jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jerġgħu jstabbilixxu s-sigurtà, partikolarment billi jiġġieldu t-traffikanti tal-bnedmin fl-inħawi; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Artikolu 89 tal-Kostituzzjoni l-ġdida jiddikjara li s-suriet kollha tas-skjavitù, oppressjoni, sfruttament sfurzat tal-persuni, il-kummerċ tas-sess, u suriet oħra ta' traffikar tal-bnedmin, huma pprojbiti u kkriminalizzati bil-liġi fl-Eġittu;
10. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Kunsill, lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni sabiex jikkunsidraw kemm il-prinċipju tal-kundizzjonalità ('aktar għal aktar') u l-isfidi ekonomiċi u soċjali

serji li l-Eġittu qed iħabbat wiċċu magħhom fir-relazzjonijiet bilaterali tal-Unjoni mal-Eġittu u fl-appoġġ finanzjarju lill-pajjiż, kif ukoll itenni s-sejħa tiegħu li, f'dan ir-rigward, jitwaqqfu punti ta' riferiment ċari u maqbula konġuntement;

11. Itenni s-sejħa tiegħu biex jissaħħu l-appoġġ u l-għajnuna tal-UE lill-Eġittu u lil pajjiżi oħrajn tar-Rebbiegħa Għarbija, fil-proċess tal-irkupru tal-assi, kif imsemmi fir-risoluzzjonijiet tiegħu tat-23 ta' Mejju 2013 u tat-12 ta' Settembru 2013; jerġa' jenfasizza li l-faċilitazzjoni tar-ritorn tal-assi misruqa mill-ex-dittaturi u mir-reġimi tagħhom hija hteiga imperattiva morali għall-UE u hija kwistjoni ferm politika, minħabba l-valur simboliku tagħha, fir-rabtiet tal-Unjoni mal-ġirien tagħha tan-Nofsinhar;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Gvern interim tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.